Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,992, 22 ta' Settembru, 2000
Taqsima B

A.L. 189 ta' l-2000

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti ta' l-2000 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' Sierra Leone

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2000 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' Sierra Leone.

Test ta' Riżoluzzjoni.

2. Għall-fini tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, ir-Riżoluzzjoni 1306 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurezza, qegħda tiġi pubblikata bl-ilsien Ingliż fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Projbizzjoni ta' l-importazzjoni diretta jew mhix tad-djamanti grezzi.

3. (1) Minkejja kull liġi oħra, u bla ħsara għas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-importazzjoni ġewwa Malta b'kull mod li jkun, minn persuna f'Malta jew minn ċittadin jew residenti permanenti f'Malta, ta' djamanti grezzi minn Sierra Leone, hija projbita.

(2) Il-provvedimenti tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal djamanti grezzi kontrollati mill-Gvern ta' Sierra Leone permezz tar-reġim taċ-Ċertifikat ta' Oriġini.

Piena.

4. Kull min jinsab ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija.